# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tal-Ħamsin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sebgħa w kwart ta' filgħaxija (7.15pm)*

***Prezenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Joe Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |

**Assenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christopher Spiteri | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |

Il-Laqgħa bidet fis-Sebgħa w nofs u ħamsa ta' Filgħaxija (7.35pm).

## *1. Talba.*

Is-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Bini tal-Kunsill*

Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni tas-sitwazzjoni preżenti fuq dan is-suġġett fejn fost l-oħrajn sabiex ma jkollnhiex aktar dewmien fuq l-approvazzjoni tas-self mill-Ministeru tal-Finanzi, hu talab lill-Awdituri tal-Kunsill sabiex iħejju Business Plan ġdid fejn fost l-oħrajn saru emendi fuq is-sena 2010 li minflok previżjonijiet issa saru fuq il-figuri attwali kif rikjest mill-Ministeru tal-Finanzi, li l-allokazzjoni tal-Gvern mill-2010 sa 2016 tibqa dik ta' € 460,286.92 u ma tiżdietx minħabba l-inflazjoni kif sar fir-rapport preċedenti mill-Awdituri tal-Kunsill u kif suppost isir b'mod normali u profesjonali. Madanakollu dawn l-emendi saru sabiex naderixxu mat-talbiet tal-Ministeru tal-Finanzi. Barra minhekk ittieħdu figuri attwali mill-2011 sa Settembru kif ukoll saru emendi fuq it-talba tas-Self minħabba li llum l-Kunsill għandu s-somma tat-tender kif ukoll previżjonijiet mill-Perit li b'mod verbali din hi kkalkulata li tkun madwar €422,000 li jinkludi l-kostruzzjoni, l-finishing u l-aperturi.

Dan kollhu ġie rifless fil-Busness Plan preżentat u l-interessi fuq is-self jibdew jitħalsu minn Marzu 2012. Madanakollu allavolja dan il-Business Plan huwa mhejji kif ukoll t-tweġibiet tekniċi ta' l-Awdituri tal-Kunsill huwa lesti, hu talab li r-rapport tal-Business Plan jiġi ppreżentat kif mitlub mill-Ministeru tal-Finanzi u t-tweġibiet jingħataw biss fil-laqgħa li jkunu preżenti kemm l-Awdituri, d-Direttur Generali tal-

Ministeru tal-Finanzi u l-Awdituri tal-Kunsill sabiex l-kwistjoni tiġi konkluża waqt din is-sezzjoni. Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dan kollhu u tal-Business Plan kif ippreżentat u rikjest mill-Ministeru tal-Finanzi. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, is-Sur Dominic Spencer, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Joseph Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

Is-Sur Noel Scerri ressaq mozzjoni fejn qal li l-Kunsill għandu juri d-dizapprovazzjoni tiegħu għad-dewmien esaġerat u vessatorju mid-Dipartiment tal-Finanzi biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu għas-self biex jinbena l-Bini tal-Kunsill, liema bini ser ikun ta' benefiċċju soċjali għar-residenti tal-Marsa. Il-Kunsill għalhekk għandu juri d-dizapprovazzjoni tiegħu billi mill-laqgħa li jmiss u kull laqgħa oħra ssusegwenti tibda' ssir fl-apert u jagħmel pubbliku dan il-fatt. Dan għandu jibqa' jsir sakemm jingħata l-approvazzjoni meħtieġa mid-Dipartiment Governattiv ikkonċernat. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, is-Sur Dominic Spencer, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Joseph Grima vvotaw favur. ~~Hadd ma kien kontra~~.

Is-Sur Noel Scerri talab ukoll l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex din il-mozzjoni tiġi mgħoddija lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Chris Said għal attenzjoni tiegħu. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Is-Sindku s-Sur Francis Debono, is-Sur Dominic Spencer, is-Sur Noel Scerri u s-Sur Joseph Grima vvotaw favur. Hadd ma kien kontra.

## 3. ***Aġġornament tal-Laqgħa.***

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2011 fil-Ħamsa w nofs ta' Filgħaxija (5.30pm)

Il-Laqgħa spiċċat fit-Tmienja neqsin għaxra ta' Filgħaxija (7.50pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv